**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-04 t' Ottubru, 2019**

**Talba Numru: 83/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista:-30**

**Andrew Falzon (K.I. 244967M)**

**49, Blk 1, Flat 2, Sunshine Flats,**

**Triq il-Hawt,**

**Swieqi**

**Vs**

**Kevin Spiteri et (K.I. 411994M)**

**Madliena Village Flat 402,**

**Triq tac-Cink,**

**Swieqi**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur kontra l-konvenuti fl-01 ta' Marzu 2018 li permezz tieghu qed jitlob minghand il-konvenuti qua eredi tal-mejta Laura Spiteri s-

somma ta' elfejn u hamsin ewro (€2,050) rapprezentanti konsum ta' ilma u dawl fil-fond numru 61 Ciccia, Triq San Piju V, Sliema li kien mikri lil-mejta Laura Spiteri.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew li t-talba hija preskritta; li huma ma ghndhom u qatt ma kellhom ebda relazzjoni guridika mal-attur; li assolutament mhux minnu li l-intimati Kevin u Tyron ahwa Spiteri huma debituri fil-konfront tieghu; li t-talba hi nfondata fil-fatt u fi dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza; li kienet ommhom Laura Spiteri li kienet kriet hanut minghand Dr Vincent Falzon, ommhom mietet fis-07 ta' Dicembru 2007 u c-cwievet tal-post kienu ritornati lis-sid ftit xhur wara u cioe' dan aktar minn ghaxar snin ilu; li t-talba ghandha tigi michuda.

Ra l-verbal a fol 9 li permezz tieghu dan it-Tribunal kien iddecieda li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tigi deciza flimkien mal-mertu fis-sentenza finali izda fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2019 fuq xewqa tal-partijiet din l-eccezzjoni qed tigi deciza qabel il-mertu.

Ra s-sentenza ta' dan it-Tribunal tat-30 ta' Mejju 2019 li permezz taghha cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra

Li f'din il-kawza l-atturi qed jitolbu rifuzjoni ta' kont li halsu lil ARMS Limited konsistenti f'arretrati ta' kontijiet ta' dawl u ilma fil-fond li jinsab 61, Ciccia, Triq San Piju V, Sliema li kien mikri lil omm il-konvenuta Laura Spiteri ghal perjodu mit-30 ta' Dicembru 2004 sas-07 ta' Ottubru 2008. Tali hlas jammonta ghal elfejn u hamsa u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€2,025.40c) izda t-talba hija limitata ghal elfejn u hamsa u ghoxrin ewro (€2,025). Laura Spiteri mietet f'Dicembru 2007 u l-konvenuti rritornaw c-cwievet fis-sena 2008.

Il-konvenut Tyrone Spiteri a fol 11 xehed li ommu Laura Spiteri mietet f'Dicembru 2007 u li fis-sena 2008 huma rritornaw ic-cwievet tal-fond lil Dr Vincent Falzon. Huwa cahad li Dr Errol Cutajar kien qed jirraprezentah ghal xi zmien.

A fol 12 overleaf il-konvenut l-iehor Kevin Spiteri xehed li meta rritornaw c-cwievet lil Dr Vincent Falzon huma halsuh l-kontijiet kollha u minn dakinhar ma semghu xejn izjed. Huwa jghid li ma rcieva ebda ittra ufficjali u sar jaf fuq dan il-kont meta cempillu huh u qallu li hemm kwistjoni fuq xi kont pendenti.

A fol 18 xehed l-Avukat Errol Cutajar li gie rilaxxat minn dan it-Tribunal mis-sigriet professjonali. Huwa xehed li dak iz-zmien kien jahdem ghal Tyrone Spiteri fuq xi haga li ma ghandhiex x'taqsam ma' dan il-kaz. Darba fost ohrajn Dr Vincent Falzon li hu partner fl-ufficcju taghhom baghat ghalih u qallu li ghandu din il-kwistjoni dwar il-kont pendenti u peress li kien jaf li huwa qed jassisti lil Tyrone Spiteri staqsih jistax ikellmu biex jissortjaw din il-bicca xoghol. Huwa kellem lill-konvenut Tyrone.

Jigi rilevat a fol 20 jirrizulta li l-konvenut Tyrone Spiteri ma rrilaxxax lix-xhud mis-sigriet professjonali.

A fol 21 fuq ordni ta' dan it-Tribunal reggha sema' lil Tyrone Spiteri u meta t-Tribunal staqsieh x'qal lil Dr Errol Cutajar meta urih il-kont huwa wiegbu li kien ser ikellem lil huh u jiddilja ma' Dr Falzon hu. Huwa jichad li lil Dr Errol Cutajar awtorizzah jinforma lil Dr Falzon '*that you shall be contacting Dr Vincent Falzon to pay*'. (Dok E a fol 34).

A fol 24 fl-affidavit tieghu l-avukat Vincent Falzon xehed li huwa kien jikri l-fond li jinsab 61, St Pius V Street, Sliema lil omm il-konvenuti Laura Spiteri permezz ta' skrittura tat-30 ta' Dicembru 2004 u l-kirja giet terminata permezz ta' skrittura tas-07 ta' Ottubru 2008 u permezz tal-istess skrittura l-istess sid kera lil certu Kenneth Zammit l-istess fond b'effett mill-01 ta' Novembru, 2008 u ghal perjodu ta' tlett snin. Huwa jghid li xi granet wara li kien iffirma l-iskrittura Zammit ittermina l-lokazjoni u l-fond baqa' maghluq ghal tul ta' zmien sakemm ibnu talbu l-fond biex jiggestixxi *a catering outlet*. Huwa sar jaf b'dan il-kont mal-ARMS meta ibnu mar biex jiggestixxi dan il-fond u sab l-komunikazzjoni tal-ilma u dawl maqtugha. Iccekja mal-ARMS u qalulu b'dan il-kont pendenti. Huwa hallas l-arretrati fis-somma ta' elfejn u hamsa u ghoxrin u erbghin centezmu (€2,025.40c) f'Lulju 2016. Huwa kiteb lill-konvenut Tyron Spiteri izda ma kien irceva xejn minghandu pero' darba minnhom l-Avukat Errol Cutajar kien ghaddielu ircevuta tal-ARMS Limited

Dok E fejn infurmah li dan Tyron Spiteri kien sejjer ihallas. Ghalkemm Tyron Spiteri kien ipprometta li jhallas baqa' ma hallasx.

Dan kien konfermat ukoll minn iben Dr Vincent Falzon a fol 26.

A fol 57 xehdet Katya Axiaq in rapprezentanza tal-ARMS Limited u prezentat l-istorja tal-kont tal-fond in kwistjoni li jirrizulta li omm il-konvenuti kienet ir-registered consumer u li l-kont sakemm giet terminata l-kirja lil Laura Spiteri fis-07 ta' Ottubru 2008 kien qed jithallas.

Minn dawn li statements jirrizulta a fol 62 li sat-terminazzjoni tal-kirja fis-07 ta' Dicembru 2018 jirrizulta li l-bilanc dovut kien ta' sbatax-il ewro u sebgha u disghin centezmu (€17.97c) u tali dokument a fol 62 jghid li mit-02 ta' Lulju 2009 l-bilanc dovut kien ta' mitejn u sbatax-il ewro u dsatax-il centezmu (€217.19c) u baqa' jizdied sussegwentement fil-perjodu meta l-fond kien fil-pussess tas-sid. Veru li skont Dr Vincent Falzon l-fond b'effett mill-01 ta' Novembru 2008 gie mikri lil certu Kenneth Zammit b'effett mit-02 ta' Novembru 2008 ghal tlett snin u granet wara Zammit skont il-istess Dr Falzon kien ittermina l-lokazzjoni, u dan ikompli jipprova li fl-01 ta' Novembru 2008 is-sid kellu l-pussess tal-fond u li sas-17 ta' Novembru 2008 il-bilanc dovut kien lil ARMS Limited skont fol 62 kien ta' mitejn u sbatax-il ewro u dsatax-il centezmu (€217.19c).

Dr Falzon a fol 73 (overleaf) jispjega li veru li skont l-iskrittura privata tas-07 ta' Ottubru 2008 a fol 29 huwa u l-konvenuti kienu ddikjaraw li ma baqghalhom ebda pretensjoni kontra xulxin izda huwa spjega li dan kien biss ghal dak li jirrigwarda arretrati ta' hlas ta' kera u xejn aktar.

Tali skrittura a fol 29 tikkonferma li fit-30 ta' Dicembru, 2004 il-fond kien gie mikri lil Laura Spiteri; li tali lokazzjoni giet terminata b'effett mit-30 ta' Settembru 2008, li salv ghal arretrati ta' kera sat-30 ta' Settembru 2008 li l-inkwilin hallas fis-07 ta' Ottubru 2008, l-partijiet ma jivvantaw ebda pretensjoni kontra xulxin derivanti mil-lokazzjoni fuq imsemmija; li s-sid ikkoncerta b'titolu ta' lokazzjoni lil Kenneth Zammit tali fond b'effett

mill-01 ta' Novembru 2008 fost kondizzjonijiet ohrajn. Ebda xejn ma ssemmi tali skrittura dwar hlas ta' dawl u ilma pagabbli lil Kenneth Zammit mid-data tal-lokazzjoni.

Ra x-xhieda li nstemghu fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2019 u l-verbal tal-partijiet moghti fl-istess seduta li permezz taghha qablu li l-provi li resqu dwar l-eccezzjoni preliminari ghandhom jigu meqjusa bhala provi dwar il-mertu.

Ra l-verbal tal-istess seduta li permezz taghha l-partijiet ghalqu l-provi u talbu li l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Ikkonsidra ulterjorment

Li l-pern tal-provi f'din il-kawza huma li statements prezentati mill-ARMS Limited f'din il-kawza a fol 62 et liema statements ma jippruvaw xejn li tali kont huwa dovut mill-konvenuti qua eredi ta' ommhom ghajr is-somma ta' disa' ewro u sebgha u tletin centezmu (€9.37c) dovuta fil-15 ta' Ottubru 2008. L-arretrati skont l-istess statements bdew jakkumulaw wara meta l-fond kien fil-pussess tas-sid u mill-01 ta' Novembru 2008 fil-pussess ta' Kenneth Zammit. Ebda prova ma ressaq l-attur biex jipprova li l-arretrati li dahlu wara id-data tal-15 ta' Ottubru 2008 jirrigwardaw l-perjodu meta omm il-konvenuti kellha pussess ta' tali fond.

Illi kif jaf bejn tajjeb kulhadd, il-grad ta' prova fic-Civili hija sal-grad ta' probabilita' izda lanqas sa dan il-grad l-attur ma rnexxielu jipprova l-kaz tieghu ghas-somma kollha pretiza.

Illi kif gie dikjarat fis-sentenza **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit- 30 ta' Ottubru 2003:-

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu*

*pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Issokta jigi sostenut illi "*biex ikun diversament kien jispetta lill-appellanti li jipproducu provi konklussivi in sostenn tal- pretensjoni taghhom proprju biex jistabilixxu illi dak li kellu jigi prima facie prezunt mic-cirkostanzi materjali li fihom sar in-negozju ...... ma kienux jirrispekkjaw il-verita' ghaliex fil-verita' n-negozju kien sar ma' haddiehor*" – "**John Vella nomine -vs- Anthony sive Mario Anthony Vella et**", Appell, 03 ta' Dicembru 1999.

Bhal fil-kaz tal-konkluzjoni raggunta fid-decizjonijiet fl-ismijiet "**Joseph Chetcuti nomine -vs- Peter Paul Camilleri**", Appell, 04 ta' Dicembru 1988; "**Anthony Caruana et -vs- John Magro et**", Appell, 06 ta' Ottubru 1999, u l-ohrajn referenzjati fihom, *dan it-Tribunal jidhirlu li l-attur ma rnexxielux jipprova sodisfacement li li l-hlas huwa dovut mill-konvenuti u dan ghar-ragunijiet moghtija minn dan it-Tribunal f'din is-sentenza.*

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attur limitatment ghas-somma ta' disa ewro u sebgha u tletin centezmu (€9.37c) u jordna lill-konvenuti jhallsu lill-attur din is-somma ta' disa' ewro u sebgha u tletin centezmu (€9.37c) bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez tas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-11 ta' Lulju 2019 ikunu a karigu tal-konvenut, u dawk tas-sentenza tal-lum jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**